MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 33/2002/1

**Noel Spiteri u martu Bernardette Spiteri.**

**vs**

**L-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar u s-Segretarju tal-istess Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2003 giet kjamata fil-kawza l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Noel Spiteri u martu Bernardette Spiteri datat 7 ta' Novembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi r-rikorrenti huwa residenti flimkien mall-familja taghhom gewwa l-Mtarfa proprju quddiem wesgha art mimlija b'sigar fosthom prinjolati li huma protetti skont l**-Iskeda numru wiehed (1) tal-Avviz Legali Numru 12/2001;**

Illi permezz ta' applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA 01261/2000, l-Awtorita` tad-Djar talbet lill-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex tapprova l-bini ta' erba' u erbghin (44) appartament b'garaxxijiet taht propju f'din l-wesgha ta' art.

Illi f'din l-bicca art kienet ippjanata li ssir gnien pubbliku u kien fl-interess tal-esponenti u tar-residenti ohra fl-inhawi li din l-wesgha ta' art tigi mharsa u trasformata fi gnien pubbliku peress li din l-art kienet u ghadha l-unika bicca art li ghad fadal f' dawn l-inhawi li tista' ssir arja ta' rikreazzjoni ghar-residenti tal-inhawi. Illi l-pjanti kif proposti mill-istess Awtorita` tad-Djar imorru kontra l-Pjan Lokali fost affarijiet ohra dak li jirrigwarda l-gholi tal-bini kif ukoll li hija barra z-zona permessibbli ta' zvilupp *(Outside Development Zone)*;

Illi mhux hekk biss izda anke ghar-rigward tal-procedura relattiva ghal ipprocessar tal-applikazzjoni ma jidhirx li din giet segwita kif titlob l-Ligi peress li ma jidhirx li qatt twahhal l-avviz relattiv ghall-applikazzjoni proprju fuq is-sit jigifieri din l-wesgha ta' art sabiex jigi ghal konnoxxenza tieghu r-residenti tal-inhawi fosthom l-esponenti;

Illi fil-fatt permezz ta' ittra datata 19 ta' Frar 2001 l-esponenti kienu kitbu lill-Kunsill Lokali tal-Mtarfa fejn urew l-oggezzjoni taghhom ghal tali zvilupp tant illi l-istess Kunsill Lokali fit-23 ta' Frar 2001 kiteb lill-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex f'isem l-istess Kunsill, f'isem ir-rikorrenti u residenti ohra joggezzjona li l-imsemmija applikazzjoni tigi approvata mill-Awtorita` tal-Ippjanar.

Illi fil-21 ta' Awwissu 2001 jigifieri jum biss wara li giet approvata l-applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA 02161/2000, l-esponenti kien kiteb lic-*Chairman* tal-Kummissjoni Dwar l-Kontroll tal-Izvilupp (DCC) fejn rega' wera l-oggezzjoni tieghu ghal tali zvilupp. Din l-korrispondenza giet segwita permezz ta' ittra ohra

mibghuta mill-avukat tieghu u indirizzata lic-*Chairman* ta' Awtorita` tal-Ippjanar fil-5 ta' Ottubru 2001 fejn ghal darba ohra wera d-dispprovazzjoni tieghu lejn l-izvilupp li kien ser isir permezz tal-applikazzjoni numru PA 02161/2000 (Dokumenti hawn annessi u mmarkati bl-ittri "NS1" u "NS 2". Dawn iz-zewgt ittri li ma gewx mehuda in konsiderazzjoni u fil-fatt kellha terga' tinkiteb ittra ohra datata 18 ta' Marzu 2002 lic-*Chairman* tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar dwar din l-istess kwistjoni).

Illi fil-proceduri tal-appell li qeghdin jinstemghu quddiem il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar, l-Awtorita` tal-Ippjanar qieghda tissottometti illi l-appell tal-esponenti quddiem il-Bord huwa null u minghajr effett peress li skont l-istess Awtorita`, l-esponenti ma addottax il-procedura kif stipulata fl-**artikolu tal-Att tal-1992 Dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta)** kif ukoll fl-**artikolu 15 fit-Tielet Skeda tal-istess Att**. Ghall-Awtorita` tal-Ippjanar la l-ittra tal-21 ta' Awwissu 2001, indirizzata lic-*Chairman* tal-Kummissjoni Dwar il-Kontroll tal-Izvilupp (DCC) u lanqas dik datata 5 ta' Ottubru 2002 ma huma validi ghal fini li jigu konsiderati li saru fil-hin stipulat peress li ma kien hemm ebda azzjoni meta kienet qieghda tigi pprocessata l-applikazzjoni mertu ta' dan ir-rikors.

Illi jigi umilment sollevat illi l-procedura kif formulata fl-**artikolu 15 tal-Att tal-1992 Dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta)** kif ukoll fl-**artikolu 15 fit-Tielet Skeda tal-istess Att.** Tmur kontra d-drittjiet fundamentali tal-individwu u tiddiskrimina kontra l-istess individwu li jkun irid jissottometti appell minn applikazzjoni proprju ghaliex kif huma fformulati l-artikoli in kwistjoni effettivament u fir-rejalta` jiccahhadlu d-dritt li jissottometti tali appell;

Illi l-esponenti jissottometti ukoll li l-**artikolu 15 fit-Tielet Skeda tal-Att tal-1992 Dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta)** jiddiskrivi kif applikant jista' jintavola appell minn decizjoni izda ma jghid xejn kif individwu jista' jkun jaf meta d-decizjoni tkun giet notifikata

lill-applikant sabiex jekk ikun il-kaz jista' jintavola appell kontra l-approvazzjoni ta' tali applikazzjoni;

Illi l-procedura kollha ta' kif individwu jista' jaghmel appell qieghda tipprotegi l-applikant izda qieghda tostakola l-individwu li jkollu interess li jintavola appell milli jaghmel dan b'detriment ghad-drittjiet fundamentali tieghu.

Illi dan kollu jmur kontra l-**artikolu 6 (1)** u l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem** kif ukoll l-ksur tal-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokol ghal dik il-Konvenzjoni;**

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja dikjarazzjonijiet ta' vjolazzjoni imsemmija u cioe` l-**artikolu 6 (1)** u l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem** kif ukoll l-ksur tal-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokol ghal dik il-Konvenzjoni**;

1. Tiddikjara li l-procedura addotta fl-**artikolu 15 tal-Att tal-1992 Dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kapitolu 356 tal-Ligijiet tal-Malta)** kif ukoll fl-**artikolu 15 fit-Tielet Skeda** tal-istess Att tmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-individwu u tiddiskrimina kontra l-istess individwu peress li ma jaghtux l-istess access u drittijiet lill-esponenti u *inoltre* tali fl-**artikolu 15 tal-Att tal-1992 Dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta)** kif ukoll fl-**artikolu 15 fit-Tielet Skeda** tal-istess Att huwa null u minghajr effett *ai termini* tal-ligi;

2. Tiddikjara li fil-konfront tal-esponenti hemm il-ksur lamentat u taghti rimedju kemm immedjat sabiex dan il-ksur ma jitkompliex kif ukoll jinghata rimedju xieraq kif previst mill-istess Konvezjoni Ewropea.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 9 tal-process mmamrkati bhala Dok. "NS1" sa Dok. "NS2";

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef

Noel Cuschieri ghas-seduta tad-19 ta’ Novembru 2002 a fol. 10 process.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 19 ta’ Novembru 2002 a fol. 15 tal-process fejn espona:-

1. Illi huwa qed jigi mharrek in rapprezentanza tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar meta bl-emendi li sehhew fis-ena 2001 (**Att XXI tas-sena 2001**), skont l-**artikolu 10 tal-istess Att,** l-**artikou 15 (d) (11) tal-Kap 356** kien emendat u tar-rapprezentanza lis-Segretarju tal-istess Bord:

*“Where judicial proceedings are instituted against the Board before a court of civil jurisdiction, other than those in terms of sub article (10) of this article, the Secretary shall represent the Board in such proceedings.”*

Illi l-proceduri odjerni mhumiex dawk imsemmijin fis-**subartikolu 10** u ghalhekk huwa car li l-Avukat Generali ma jirraprezenttax il-Bord.

Isegwi li gie citat hazin u mhux il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri kemm minhabba dan il-provvediment kif ukoll minhabba dak li jipprovdi l-**artikolu 181B (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

2. Illi ghall-proceduri odjerni huwa nieqes l-interess legali dirett fejn jidhlu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem minhabba li l-art in kwistjoni mhix tar-rikorrenti jew min minnhom izda hija art miftuha ghal kulhadd u ghalhekk ma jista’ jkun hemm ebda ksur ta’ xi artikolu msemmijin mir-rikorrenti.

**Inapplikabbilta` tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll**

3. Illi r-rikorrenti ma jippossedux l-art u allura wiehed ma jistax jinvoka l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll.

**Inapplikabbilta` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.**

4. *Oltre* dan, l-'interess' li qed jinvokaw fl-art in kwistjoni ir-rikorrenti la huwa (a) *a criminal charge*; u lanqas (b) *a civil right or obligation*. L-interess taghhom qatt ma jista' jinbidel fi dritt. Ghaldaqstant l-**artikolu 6** tal-Konvenzjoni mhux applikabbli.

**Inapplikabbilta` tal-Artikolu 14**

5. Illi dan l-Artikolu m'ghandu ebda ezistenza indipendenti u gladarba l-artikoli l-ohra mhux applikabbli, dan l-artikolu ma jistax jigi invokat.

6. Illi t-Tielet Skeda tghid car kif wiehed ghandu jappella u tiffissa terminu ta' tletin (30) gurnata.

*"Within thirty days from the date the decision is communicated to the person on whose application the decision was taken".*

Sta ghal Bord li jiddeciedi dan iz-zmien skadiex jew le, jew jekk saritx in-notifika.

M'hemm xejn fil-Ligi li huwa diskriminatorja jew li jilledi xi dritt tal-kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li ghandhom ir-rikorrenti.

Isegwi li dan ir-rikors huwa frivolu u vessatorju u li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-tlbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat ir-risposta tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 25 ta' Novembru 2002 a fol. 18 tal-process fejn espona:-

1. Fl-ewwel lok, l-Avukat Generali m'ghandux ir-rapprezentanza tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Tali rapprezentanza hija vestita fis-Segretarju tal-Bord;

2. Fit-tieni lok, is-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar m'huwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri peress li la hu u la l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar m'ghandhom interess f'dawn il-proceduri fejn qed

jintalab lil din l-Onorabbli Qorti li tiddikjara artikolu ta' ligi bhala li jmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Kemm is-Segretarju tal-Bord u l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar jimxu skrupolozament mal-ligi kif tkun fis-sehh minn zmien ghal zmien. Il-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri huwa ghalhekk l-Avukat Generali. Bizzejjed jinghad li, anke jekk ghall-grazzja tal-argument ir-rikorrenti jinghataw ragun minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti huwa fl-impossibilita' guridika, li jaghtihom ir-rimedju li huma qed jitlob u dan peress li l-esponenti m'ghandux is-setgha li jibdel il-ligi;

3. Fit-tielet lok, ghall-integrita' tal-gudizzju, il-kawza kellha tigi proposta kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u mhux kontra l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar li huwa tribunal kwazi-gudizzjarju. Fil-fatt, fil-proceduri tal-appell li hemm pendenti quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, il-partijiet huma r-rikorrenti Noel Spiteri u l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Hija din l-istess Awtorita' li qed teccepixxi n-nullita' ta' l-appell tal-appellant Noel Spiteri quddiem il-Bord billi, *inter alia*, qed tissottometti quddiem il-Bord li l-appellant ma kkonformax mal-artikolu **15 tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta**;

4. Fir-raba' lok, ir-rikorrenti ma ezawrixxewx ir-rimedji ordinarji li taghtihom il-ligi. Bizzejjed jinghad illi l-appell li huwa ghandu pendenti quddiemu l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar jinsab differit ghal decizjoni preliminari u anke jekk ghal grazzja tal-argwuent huma kellhom jitilfu l-appell quddiem il-Bord dejjem jistghu jappellaw mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell – ara kopja awtentika tal-inkartament tal-appell pendenti quddiem il-Bord tal-Appell li huma mmarkata bhala Dok. "CS" li qed jigi pprezentat flimkien ma' din ir-risposta. Ghalhekk, dawn il-proceduri odjerni huma intempestivi in kwantu jezisti rimedju ordinarju li r-rikorrenti ghadhom ma ezawrixxewx. Din l-Onorabbli Qorti ghandha ghalhekk tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha f' dawn il-proceduri odjerni skont il-proviso ghas-**sub-artikolu (2)** tal-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta'**

**Malta** u dan konformament mal-kazistika tal-Qrati Maltin. Ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi:

(a) f'**Salvatore Seychell vs. Angelo Grech pro et noe** deciza fl-10 ta' April 1967, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

*"Ma jidhirx li saret ebda talba quddiem xi Qorti, ghall-arrest personali tar-rikorrent jew xi minaccja ta' arrest, u ma jidhirx anqas illi r-rikorrent ghamel xi proceduri taht id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizazzjoni ghas-sospensjoni tas-subasta bhala li giet mitluba quddiem il-Qorti tal-Kummerc mentri r-rikorrent jippretendi li kien imissha ntalbet quddiem il-Qorti Civili, u lanqas ma saru mir-rikorrent xi proceduri konsentiti mil-ligi biex is-subasta ma ssirx hlief ghall-ammont pretiz realment dovut".*

*"In-nuqqas ta' ebda attentat mir-rikorrent biex jottjeni bil-mod normali u bil-mezzi konsentiti lilu mil-ligi ordinarja l-protezzjoni tad-drittijiet li huwa jippretendi li ghandu, ma jintitolahx jadixxi din il-Qorti taht l-**artikolu 47** (illum wara li giet fis-sehh **l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta tal-1984,** dan l-artikolu gie jaqra **46)** tal-Kostituzzjoni taht liema artikolu huwa car li wiehed jista' jinvoka l-ksur tal-**artikoli 34 sa 462 tal-Kostituzzjoni**, imma mhux il-ksur talvolta ta' xi ligijiet ohra".*

*"Jekk verament jezisti jew huwa minaccjat ksur ta' xi drittijiet tar-rikorrent li ma humiex komprizi u protetti taht l-**artikoli 34 sa 463 tal-Kostituzzjoni**, allura r-rimedju tieghu ma jinsabx fil-Kostituzzjoni fil-procedura prezenti, imma fil-ligi u fil-procedura ordinarja".*

*"L-**artikolu 47** u l-artikoli l-ohra tal-Kostituzzjoni li jirrigwardjaw il-human rights ma gewx mahsuba biex, taht pretest ta' lezjoni attwali jew minaccjata ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem, wiehed jinjora u jevita l-mezzi u rimedji procedurali normali fil-kazi li jezorbitaw minn dawk kontemplati fil-Kostituzzjoni, u minflok jadixxi din il-Qorti fil-gurisdizzjoni lilha specjalment fdata mill-Kostituzzjoni".*

*"A propozitu ta' sottomissjoni maghmula mill-appellant fl-ahhar paragrafu tar-rikors tieghu tal-appell, fil-Kostituzzjoni taghna hi dispozizzjoni espressa illi l-Qorti adita taht l-imsemmi* ***artikolu 47 tal-Kostituzzjoni*** *tista' tiddeklina jekk jidhrilha xieraq, li tezercita s-setghat taghha taht dak lartikolu f'kull kaz meta hi soddisfatta that adequate means of redress for the contravention alleged are or have been available to the person concerned under any, other law"*

.

(b) f'**"Vincent Spiteri vs. Onor. Prim Ministru et"** deciza fil-31 ta' Awwissu, 1977, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:-

"*Rigward il-proviso ta' l-***artikolu 47 (2) tal-Kostituzzjoni***, m'hemmx kwistjoni li l-Qorti adita ghandha tikkunsidra u tqies ic-cirkostanzi kollha rilevanti biex tara jekk fid-dawl taghhom deklinazzjoni tali hijiex desirable".*

*"Il-Kostituzzjoni, fil-proviso ta' l-***artikolu 47 (2)** *hi ragonevolment koncernata bid-disponibbilta' ta' mezzi adegwati ta' rederess minghajr ma rragonevolment tesigi garanza asoluta u aprioristika ta' success f'kull kaz partikolari, liema success wisq naturalment jiddependi mic-cirkostanzi kollha ta ' kull kaz".*

(c) fil-kaz **"Dr. Mario Vella vs. Joseph Bannistar bhala Chairman u in rapprezentanza tal-Malta Development Corporation",** (Koll. Dec. Qrati Superjuri, Vol. LXXVIII, 1994, Pt. 1, p. 48), il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi, bhala principju, meta jkun hemm mezzi ordinarji disponibli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jilmenta, ir-rikors kostituzzjonali ghandu jsir wara li jigu ezawriti dawn il-mezzi. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza tal-Prim'Awla billi halliet ir-rikors *sine die* pendenti li r-rikorrent jitlob rimedju mill-Kummissjoni ghall-Impjiegi. Ara wkoll il-kazistika citata fl-istess sentenza.

(d) fil-kaz **"Philip Spiteri vs. Sammy Meilaq noe"**, deciza fit-8 ta' Marzu 1995, Vol. LXXIX, 1995, Pt. I, p. 33, il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi:-

*"... meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta m'humiex disponiblil".*

*"....meta l-oggett in kawza jkun ta' natura komplessa - u jkollu kwistjonijiet li ghandhom rimedju f'xi ligi ohra, u ohrajn li m'ghandhomx rimedju hlief kostituzzjonali - allura ghandha tipprevali din l-ahhar azzjoni".*

(e) fil-kaz **"Emanuel Morguello pro et noe vs. Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar et"**, fil-5 ta' Dicembru 1994, (Vol. LXXVIII, 1994, pt. i, p. 246), il-Qorti Kostituzzjonali sostniet illi l-appellant kellu mezz xieraq ta' rimedju quddiem il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar u quddiem il-Qorti tal-Appell fejn kien jirrigwardja punt ta' dritt. Fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali,

*"Ir-rikorrent appella kontra l-avviz quddiem il-Bord tal-Appell, izda meta tilef dak l-appell ma kompliex bil-procedura ulterjuri ta' appell quddiem din il-Qorti tal-Appell, procedura li seta' facilment jittanta ghaliex dan l-ewwel lament tieghu,* ***jirrigwarda punt ta' ligi";***

*"Dan in-nuqqas tar-rikorrenti gie debitament innotat fis-sentenza appellata"*.

(f) f'**"Edward Zahra vs. Awtorita' tal-Ippjanar"** deciza fl-24 ta' Novembru 1998 (Citaz. Nru. 641/98 CFS), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddeklinat milli tezercita s-seghat skont l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 4 tal-Kapitolu 319** ghax kienet tinsab sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrent skont il-**Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta;**

(g) f' **"Kunsill Lokali Kirkop vs L-Avukat Generali, Il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, l-Awtorita' tal-Ippjanar, il-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Izvilupp, l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, il-Perit Joseph P.**

**Dimech u l-Perit Joseph M. Spiteri”**, deciza mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim'Awla, ippreseduta mill-Onor. Mhallef Albert J. Magri B.A., LL.D., fil-21 ta' Jannar, 2002 (Rikors Kost. Numru 4/2001 AJM), l-istess Prim'Awla ddeklinat li tezercita s-setgha moghtija lilha peress li anke hawnhekk ir-rikorrent ma kienx ghadu ezawrixxa r-rimedju li huwa kellu miftuh ghalih quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar;

Meta wiehed jistudja l-kazistika havn fuq citata, specjalment is-sentenzi ta' Morguello, Zahra u l-Kunsill Lokali Kirkop in kwantu r-rimedju li taghti l-ligi ordinarja huwa identiku ghal dak li qed issir referenza ghalih fl-eccezzjoni preliminari tal-esponenti li qed tissollecita lil din l-Onorabbli Qorti li tapplika l-*proviso* tas-**subartikolu (2)** ta' l-**artikolu 46** fuq citat, jasal ghal konkluzjoni illi din l-Onorrabli Qorti ghandha tiddeklina li tezercita l-gurisdizzjoni taghha u tillibera lill-intimat Segretarju tal-Bord tal-Appell mill-osservanza tal-gudizzju;

5. Fil-hames lok, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ta u qed jaghti smigh xieraq lir-rikorrent fil-mori tal-proceduri li hemm pendenti quddiem il-Bord. Infatti ir-rikorrent Noel Spiteri qatt ma ressaq xi ilment f’den is-sens quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar qabel ma pprezenta r-riskors kostituzzjonali mertu ta' dawn il-proceduri odjerni halli l-istess Bord ikun jista' jintalab jizgura li r-rikorrent Noel Spiteri jinghata smigh mill-istess Bord;

6. Fis-sitt lok, il-proceduri odjerni huma neqsin mill-interess legali dirett fejn jidhlu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem minhabba li l-art in kwistjoni mhix tar-rikorrent izda hija art mituha ghal kulhadd u ghalhekk ma jista' jkun hemm ebda ksur ta' xi artikolu msemmi mir-rikorrent;

7. Fis-seba’ lok, ir-rikorrenti ma jippossedux l-art u allura ma jistghux jinvokaw l-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll;

Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt li jirrespingi fermament l-allegazzjonijiet kollha nfondati u bla bazi li qed jivvantaw ir-rikorrent fil-konfront tieghu u tal-Bord li huwa

jirraprezenta, jitlob lil din l-Onorabli Qorti sabiex tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u dan bl-ispejjez kontra r-rikkorenti.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 23 sa 45 tal-porcess.

Rat ir-rikors ta' Noel Spiteri datata 11 ta' April 2003 a fol. 48 tal-process fejn l-esponenti talab lill-Qorti tigi kjamata in kawza l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri b'digriet taghha datat 6 ta' Gunju 2003 laqghet it-talba

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 11 ta' Novembru 2003 a fol. 56 tal-process fejn espona: -

1. Illi preliminarjament, ir-rikors interpost mir-rikorrenti huwa null u ghandu jigu michud *stante* li l-istess rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom, tant illi fil-mument tal-prezentata tar-rikors taghhom, l-appell interpost minnhom quddiem il-Bord tal-Appell kien ghadu pendenti;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikors, in kwantu diretti kontra l-Awtorita` intimata m'hijiex il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni. Dan peress illi t-talba tar-rikorrenti hija li provvediment tal-Ligi jigi ddikjarat null u bla effett *stante* li jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, talba li certament, jekk ghall-grazzja tal-argument biss tigi milqugha, qatt ma tista' tigi attwata mill-Awtorita` intimata. Illi l-Awtorita` intimata, hija bhal ma huma r-rikorrenti, suggett ghal-Ligi li r-rikorrenti qeghdin jattakkaw (tant illi hija wahda mill-partijiet quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar), u certament, m'hijiex fil-kapacita` guridika li taghti rimedju lir-rikorrenti fil-kaz ta' ezitu possiv ghar-rikorrenti;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suepost, il-procedura stabbilita fl-**artikolu 15** kif ukoll fit-

**Tielet Skeda tal-Att Dwar l-Ippjanar**, hija konformi mal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Kovenzjoni Ewropea, *stante* li tistabbilixxi paramentri, li kemm-il darba jigu segwitu, jaghtu access miftuh u bla limiti ghall-kwalunkwe terz li jkun irid jinterponi li l-ewwel ma jsegwix il-procedura stabbilita fil-Ligi, u wara jitlob li dik il-procedura tigi dikjarata nulla, biex b'hekk jinnewtralizza n-nuqqasijiet tieghu stess.

4. Illi l-procedura tal-Appell kif provduta fl-Att dwar l-Ippjanar tiggarantixxi s-smigh xieraq u lanqas ma hija diskriminatorja, kif ukoll ma tilledi l-ebda dritt relattiv ghall-proprjeta` tar-rikorrenti, u certament ma tmurx kontra l-provvediment tal-**artikolu 6 (1)** u **14 tal-Konvenzjoni Ewrepea kif ukoll tal-arikolu 1 tal-Ewwel Protokol;**

5. Illi *in vista* tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat in-nota spjegattiva tar-rikorrenti Noel Spiteri et prezentata fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2004 (fol. 62).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata l-14 ta' April 2004 (fol 67).

Rat in-nota spjegattiva tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 19 ta' April 2004 (fol.69).

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datati 19 ta' Novembru 2002, 4 ta' Frar 2003, 15 ta' April 2003, 6 ta' Gunju 2003, 7 ta' Ottubru 2003, 21 ta' Novembru 2003, 6 ta' Frar 2004, 18 ta' Marzu 2004, 12 ta' Mejju 2004, 22 ta' Gunju 2004, 29 ta' Ottubru 2004, 16 ta' Frar 2005, 25 ta' Mejju 2005; 12 ta' Ottubru 2005; u 7 ta' Dicembru 2005.

Rat ix-xhieda kollha prodotta inkluza dik ta' Joanna Borg (16 ta' Frar 2005) u Emmanuel Farrugia (16 ta' Frar 2005 u 12 ta' April 2005); Johan Buttigieg (12 ta' Ottubru 2005); Noel Spiteri (3 ta' Mejju 2007); Ivor Robinich (26 ta' Settembru 2007).

Rat id-dokumenti esebiti man-nota datata 12 ta' April 2005 immarkati bhala Dok. "Y1" sa Dok. "Y24 (fol. 110 sa fol. 204).

Rat id-dokumenti konsistenti fil-pubblikazzjoni datata 10 ta' Gunju 2000 (Dok. "IR 1" – fol. 250) u decizjoni preliminari tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 5 ta' Ottubru 2005 (Dok. "IR 2").

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti datati 16 ta' Frar 2006, 2 ta' Mejju 2006 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex tisma l-provi; 6 ta' Dicembru 2006; 19 ta' April 2007; 16 ta' Ottubru 2007; 24 ta' Jannar 2008; 24 ta' April 2008; u 22 ta' Ottubru 2008 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2009.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, ix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti esebeti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Avukat Generali datata 16 ta' Settembru 2008 a fol. 262 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Noel u Bernardette Spiteri datata 22 ta' Ottubru 2008 a fol. 273 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-MEPA datata 21 ta' Jannar 2009 a fol. 302 tal-process.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti jsostnu illi l-mod kif inhuma formulati l-artikoli minnu citati tal-**Kap 356** dawn imorru kontra l-**artikolu 1, 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea** u b'hekk l-istess rikorrenti ghandhom jinghataw rimedju xieraq.

Illi dwar l-Avukat Generali din il-Qorti thoss li la darba qed tigi attakkata l-kostituzzjonalita' ta' ligi huwa l-legittimu kontradittur skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 181 B tal-Kap 12.**

Illi dwar l-intimat l-iehor la darba jekk jigi milqugh tali ilment jista' jkun hemm ir-rimedju li tithassar id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, mela allura s-Segretarju tal-istess Bord huwa wkoll il-legittimu kontradittur in vista ta' dak provdut fl-**artikolu 15 (11) tal-Kap 356.**

Illi fl-ahharnett inkwantu l-istess decizjoni tista' taffettwa l-operat tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fuq il-mertu tal-applikazzjoni ghall-izvilupp kontestata mir-rikorrenti, l-istess Awtorita', anke ghall-integrita' tal-gudizzju ghandha tkun parti f'din il-procedura.

Illi dwar il-*locus standi* tar-rikorrenti f'din il-procedura jinghad li r-rikorrenti qeghdin jilmentaw illi l-proceduri fl-**artikolu 15 tal-Kap 356** u l-**artikolu 15 tat-tielet Skeda tal-istess Kap 356** li jaghtu dritt ta' appell min decizjoni tal-Awtorita' dwar l-Ippjanar, skont huma effettivament jipprekludu dan l-appell. Jekk wiehed jaqra dawn l-artikoli jinnota illi d-dritt ta' appell huwa pjuttost wiesgha u jinkludi persuni li mhux biss huma direttament interessati izda ukoll dawk illi b'xi mod jew iehor ihossuhom aggravati bid-decizjoni tal-Awtorita' imsemmija. Gjaladarba hija l-ligi stess illi qeghda taghti dan l-*locus standi* wiesgha, din il-

Qorti ma tistax ma ssibx illi r-rikorrenti ghandhom *prima facie* interess legali sabiex jittentaw din it-tip ta' procedura fejn huma qeghdin jilmentaw dwar procedura disponibbli taht il-**Kap. 356** illi huma jistghu u fil-fatt qed jutilizzaw. Jekk dan iwassalx u huwiex bizzejjed sabiex jinghata r-rimedju miltub fil-meritu hija kwistjoni ohra.

Illi wara li gie sorvolat dan, l-eccezzjoni l-ohra li trid tigi deciza hija dik moghtija mill-intimati u l-Awtorita' kjamata fil-kawza skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319** fejn jinghad li din il-Qorti ghandha tiddeklina li tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha kemm il-darba r-rikorrenti ma jkunx ezawrixxa r-rimedji tieghu ordinarji.

Illi dwar dan din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Paul Fenech et vs Kummissarju ta' l-Artijiet et"** (Q.K. - 16 ta' Mejju 2008) fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet:-

*"...illi persuna m'ghandhiex kull meta jkun hemm xi nuqqas tal-amministrazzjoni tinvoka mill-ewwel ksur tad-drittijiet fundamentali taghha minghajr ma fl-ewwel lok, tara jekk l-Ordinament Guridiku jipprovdix hu stess rimedju. Ir-rimedju ordinarju ghandu jigi invokat qabel ir-rimedju straordinarju ibbazat fuq il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."*

Illi fil-kawza **"Mifsud Bonnici et v Tabone noe et"** (24 ta' Settembru, 2002) inghad li:-

*"Din il-Qorti tifhem li rikors ghal soluzzjoni kostituzzjonali ghandu jkun "a measure of last resort" ghax hu prezunt li c-cittadin jista' u ghandu jsib il-protezzjoni tad-drittijiet tieghu fil-ligijiet tal-pajjiz. Id-drittijiet tac-cittadin huma moghtija lilu jew mill-ligi naturali (li taghti lil kull bniedem certi drittijiet fundamentali u inaljenabbli) jew mill-ligi tal-pajjiz stess. F'socjeta' ideali, l-ghoti ta' drittijiet huwa*

*bizzejjed biex il-bniedem igawdi mill-istess drittijiet, u dan peress li jkun mistenni li kull membru ta' dik is-socjeta' jirrispetta d-drittijiet ta' l-iehor, u jaghti lil haddiehor dak li hu tieghu. Peress li din is-socjeta' idealistika, jekk kienet tezisti, ma tantx damet hekk tezisti, l-istess membri tas-socjeta' holqu awtorita' li lilha nghata l-poter tara li d-drittijiet ta' kull membru ta' dik is-socjeta' jigu onorati. Maz-zmien dik l-awtorita', zviluppat fi Gvern, b'poter mhux biss biex jaghti drittijiet lic-cittadini, izda anke biex johloq mezzi biex dawk id-drittijiet jigu protetti u enforzati. Lill-Gvern, ukoll, gew moghtija lilu poteri ohra, li, aktar ma ghadda z-zmien aktar saru ampji, komplessi u "far reaching".*

Illi fuq din il-kwistjoni, l-awturi ***Jacobs and White***, fil-ktieb **"The European Convention on Human Rights"** (Clarendon Press, 1996 Ed.) jghidu, (pg. 354):-

*"The Commission, citing the Interhandel Case before the International Court of Justice, has stated that the rule requiring the exhaustion of domestic remedies as a condition of the presentation of an international claim is founded upon the principle that the respondent State must first have an opportunity to redress by its own means within the framework of its own domestic legal system the wrong alleged to have been done to the individual".*

Illi konsistentement ma' dan fil-kawza "**Al Sakalli vs Prim Ministru et**" (Q.K. - 7 ta' April, 2000) intqal b'mod enfatiku li l-iskop ta' azzjoni kostituzzjonali dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem hija proponibbli biss meta ma hemmx rimedju iehor effettiv skont il-ligi ordinarja. Jekk jezisti dan ir-rimedju taht il-ligi ordinarja allura wiehed ghandu l-ewwel jezawrixxi dawk ir-rimedji qabel ma jitlob rimedju kostituzzjonali (ara wkoll "**Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija"** deciza mill-istess Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1993, u **"McKay vs Kummissarju tal-Pulizija"** deciza min din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 1995).

Illi fil-kawza **"Raymond Vella u Victoria Bugeja bhala Diretturi u in rappresentanza tas-socjeta` Fekruna Ltd**

**vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet"** (Q.K. - 24 ta' Mejju, 2004) l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet illi:-

*"Il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea (anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra) dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha. Konsegwentement meta l-Prim Awla taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni".*

Illi minbarra dan fil-kawza fl-isimijiet **"Tefarra Teseba Berhe v Kummissarju tal-Pulizija"** (20 ta' Gunju 2007) il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha rribadiet li:-

*"l-eżistenza ta' rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali tat il-Kostituzzjoni jew tat il-Konvenzjoni gandha tirriżulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżeritax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-eżistenza ta' rimedju iehor hija deciżjoni fuq tali stat ta' fatt".'*

*'Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser*

*jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat.'*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li fl-10 ta' Gunju 2000 kien gie ppublikat f'gazzetta lokali (Dok. "IR 1") avviz fejn jinghad li l-*Housing Authority* kienet applikat sabiex jinbnew 44 unit *b'underlying garages* fis-sit f'Sister's Quarters, Triq il-Kaptan, Mtarfa. Fl-istess avviz jinghad li kull min irid jaghmel rappresentazzjoni dwar l-istess ghandu jaghmel dan fl-ufficju tal-Awtorita fi zmien gimghatejn mid-data ta' l-istess avviz.

Illi jirrizulta li r-rikorrenti ressqu l-oggezzjoni taghhom biss fil-5 ta' Ottubru 2001 u allura wara t-terminu preskritt skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 (5) tal-Kap. 356** li jipprovdi li kull persuna li trid taghmel oggezzjoni ghall-izvilupp propost tista' taghmel dan bil-miktub fuq kwistjonijiet ta' l-Ippjanar. Fil-fatt irid jinghad ukoll li persuna li tkun ghamlet tali oggezzjoni ghal tali zvilupp, li ma tkunx taqbel mad-decizjoni tal-Awtorita' dwar l-istess zvilupp, tista' ukoll taghmel appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1) (d) (ii) tal-Kap. 356.**

Illi tali appell jista' jsir minn kull persuna li tkun aggravata minn decizjoni tal-Awtorita' skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1)** u dan fi zmien tletin (30) gurnata mid-data li fiha d-decizjoni tigi komunikata lill-persuna li tkun ghamlet l-applikazzjoni u dan skont **artikolu 1 tat-Tielet Skeda,** u jirrizulta li fil-prattika u anke minhabba d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15** u **t-Tielet Skeda**, dik il-persuna li tkun giet registrata bhala *third party objector* skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 (5),** u tkun trid tinterponi appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar skont l-**artikolu 15 (1) (d) tal-Kap. 356** tkun tista'

taghmel tali appell fl-istess terminu ta’ tletin gurnata min-notifika tad-decizjoni lilha u dan kif anke jidher mid-dokument a fol. 225 tal-process.

Illi minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar hemm provdut skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2)** dritt ta’ appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fuq punt ta’ dritt deciz mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Tali appell quddiem il-Qorti tal-Appell jista’ jsir fi zmien 15-il gurnata mid-data meta tali decizjoni tkun inqrat fil-pubbliku (**artikolu 15 (10) tal-Kap. 356).**

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li qabel ma nbdew il-proceduri odjerni quddiem din il-Qorti r-rikorrenti kienu oggezzjonaw ghall-istess zvilupp fil-21 ta’ Awissu 2001 u fil-5 ta’ Ottubru 2001, u dan allura mhux biss wara t-terminu ta’ 15-il gurnata mill-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni Numru PA 2161/00 (fil-16 ta’ Gunju 2000) izda addirittura wara li giet approvata l-applikazzjoni fl-20 ta’ Awissu 2001 (Dok. “NS 1”). Fil-fatt l-istess rikorrenti appella quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fit-18 ta’ Marzu 2002, u jidher li tali appell kien kontestat mill-Awtorita’ tal-Ippjanar fir-risposta taghha quddiem l-istess Bord (fol.38), mhux fuq it-terminu li fih sar l-appell mir-rikorrenti quddiem l-istess Bord (indikat fl-Iskeda), izda fuq il-konsiderazzjoni li l-istess rikorrenti ma’ kienx irregistra l-oggezzjoni tieghu ghal tali zvilupp fit-terminu ta’ 15 il- gurnata mid-data ta’ pubblikazzjoni tal-istess applikazzjoni f’gazzetta lokali skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 (5) tal-Kap. 356,** tant li b’decizjoni tal-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“Noel Spiteri vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u l-kjamata fil-kawza l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** moghtija fil-mori ta’ dawn il-proceduri, u cjoe’ fil-5 ta’ Ottubru 2005 (Dok. “IR 2” – fol. 251), tali appell tal-istess rikorrenti gie michud proprju ghaliex l-istess rikorrenti ma osservax id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 (5) tal-Kap 356,** ezattament ghaliex tali oggezzjoni bil-miktub ma saritx mir-rikorrenti fit-terminu hemm indikat

ikkalkulat mid-data tal-pubblikazzjoni tal-istess applikazzjoni (Dok. "IR 1" – fol. 250) u liema terminu indikat mill-ligi jibda jghaddi mid-data tal-istess pubblikazzjoni u dan kif ikkonfermat fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Reverendu Carmelo Busuttil vs Il-Kummissarju ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.C. – 5 ta' Ottubru 2001), "**Saviour Cremona vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A. C. – 27 ta' April 2006) u **"Assocjazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn u l-GRTU vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.C. – 12 ta' Dicembru 2008); **"Fish & Fish Ltd. et vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** (A.C. – 12 ta' Dicembru 2008); **"Kunsill Lokali Marsaskala vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** (A.C. – 29 ta' Jannar 2009) u dik fl-ismijiet **"Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Limited et"** (P.A. (GV) – 29 ta' Marzu 2004).

Illi jidher ghalhekk li r-raguni ghaliex l-istess appell tar-rikorrenti quddiem il-Bord gie eventwalment michud kien proprju ghaliex l-istess rikorrenti ma osservawx it-terminu mpost mill-ligi a bazi tal-**artikolu 32 (5) tal-Kap. 356** u din il-Qorti thoss li tali nuqqas taghhom kien fatali ghalihom b'mod li huma ma uzawx ir-rimedji ordinarji lilhom disponibbli skont il-ligi sabiex jissalvagwardjaw il-vantati interessi taghhom u din il-Qorti thoss li la darba dan huwa l-kaz, kien in-nuqqas tal-istess rikorrenti li jagixxu fit-termini tal-ligi li *se mai* wassal ghad-determinazzoni tal-appell kontra tieghu mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi f'dan il-kuntest l-osservazzjoni li saret mill-Awtorita' intimata fl-1 u it-3 paragrafu tar-risposta taghha datata 11 ta' Novembru 2003 hija korretta u dan fis-sens li kien in-nuqqas tar-rikorrenti stess li ma segwewx il-procedura mill-ligi, tant li l-passi li hadu gew eventwalment dikjarati nulli, li attwalment ippregudikaw is-sitwazzjoni taghhom, b'dan li l-istess rikorrenti ma utilizzawx sew ir-rimedji

ordinarji lilhom disponibbli u dan meta ma’ kien hemm xejn x’ostakolahom milli jsegwu l-istess.

Illi l-ilment tar-rikorrenti fir-rikors promotorju jidher li huwa li qed jghidu li kif formulati l-**artikolu 15 tal-Kap 356** u **l-artikolu 15 tat-Tielet Skeda** jiksru d-drittijiet fundamentali taghhom ghaliex ma hemm xejn provdut dwar kif persuna interessata tkun taf b’tali decizjoni tal-Kummissjoni meta tali decizjoni tkun notifikata lill-applikant (para 9 tar-rikors). Fuq dan il-punt jinghad li it-**Tielet Skeda** tirreferi ghall-appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar (u apparti li ma hemm l-ebda **artikolu 15 fit-Tielet Skeda tal-istess Att),** u f’dan il-kaz tali appell tar-rikorrenti quddiem il- Bord kien gie accettat, tant li ma giex kontestat li tali appell mir-rikorrenti quddiem il-Bord ma sarx skont it-Tielet Skeda; fil-fatt l-Awtorita’ ma qajmet l-ebda eccezzjoni f’dan is-sens u l-Bord ta’ l-Appell qatt ma investa tali punt – semplicement ghaliex dan ma qamx. Dan apparti l-fatt li kif indikat mid-dokument a fol. 225 jirrizulta li fil-prattika l-istess terminu jigi kkalkulat mid-data meta l-istess decizjoni tigi notifikata lill-istess terza persuna li oggezzjonat ghall-izvilupp. Dan huwa kkonfermat fil-paragrafu 5 (c) tan-nota spjegattiva tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 19 ta’ April 2004, li qatt ma gie kkontestat mir-rikorrenti. B’hekk jidher li dak li gara f’dan il-kaz ma ghandu x’jaqsam xejn ma’ dak indikat fit-Tielet Skeda u cjoe’ t-terminu ta’ appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi tant ma kienx hemm oggezzjoni fuq dan il-punt li l-istess rikorrenti fin-nota spjegattiva taghhom datata 14 ta’ Marzu 2004 jghid li l-appell taghhom quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar sar fit-18 ta’ Marzu 2002 liema *“data hija t-terminu ta’ tletin gurnata stipulata fl-Artikolu 1 tat-Tielet Skeda ta’ l-Att Numru 1 tal-1992 kif sussegwentement emendat”.* Mela allura dan ma huwiex verament l-ilment taghhom u f’dan il-kaz jidher car li d-disposizzjonijiet tal-istess Skeda bl-ebda mod ma llimitaw

id-dritt ta' appell tar-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (tant li n-nuqqas taghhom kien mod iehor). Dan apparti li l-istess dokumenti a fol. 225 juru li l-process dwar l-istess applikazzjoni jidher li baqa' ghaddej anke waqt l-istess proceduri u jidher li saru quddiem l-istess Awtorita' diversi proceduri ohra in konnessjoni mal-istess applikazzjoni li l-istess rikorrenti ppartecipaw fihom anke fil-mori ta' dawn l-istess proceduri (ara per ezempju Dok. "NC3" – fol. 241).

Illi jidher ukoll li b'nota spejgattiva datata 18 ta' Marzu 2004 (fol. 62) ir-rikorrenti biddlu l-ilmenti taghhom ghaliex jidher li hawn l-ilment kien dirett lejn l-allegazzjoni li la darba l-appell kellu jsir fi zmien 15-il gurnata minn meta d-decizjoni tkun inqrat fil-pubbliku, terza persuna ma tkunx taf b'dan (para 7); fil-verita' pero' dan huwa wkoll mhux korrett ghaliex it-terminu ta' appell li r-rikorrenti presumibilment qed jirreferi hawn ghalih huwa dak ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, li kif inghad jibda' jghaddi mid-data tan-notifika ta' tali decizjoni – punt li qatt ma kien diskuss fl-appell interpost mir-rikorrenti quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi fl-istess nota spjegattiva jinghad ukoll li ma jirrizultax li l-procedura tal-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali u t-twahhil tal-avviz fuq is-sit gie ppruvat mill-Awtorita' – dan certament ma' tqajjimx fir-rikors promotorju; lanqas tqajjem fil-proceduri quddiem l-Awtorita' – u b'hekk anke f'dan is-sens ir-rikorrenti jigi li ma utilizax ir-rimedji disponibbli ghalih skont il-**Kap. 356.** Fi kwalunkwe kaz jekk qed jigi allegat li l-Awtorita' kjamata fil-kawza ma osservatx il-procedura stabbilita mill-istess Ligi, mela allura l-istess rikorrenti kellhom u ghandhom rimedji ordinarji kemm skont il-ligi ordinarja u anke skont il-**Kap. 356** sabiex jirrimedjaw ghall-istess.

Illi jidher li fl-istess sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti jergghu jbiddlu r-rotta u jghidu li dawk li ppregudikahom huwa li l-Ligi tirrikjedi li persuna ghandha tirregistra l-oggezzjoni taghha ghall-izvilupp bil-miktub u fit-terminu stipulat mill-Ligi minn meta tigi ppubbikata l-applikazzjoni, izda f'dan il-kuntest din il-Qorti ma tarax ghaliex l-istess rikorrenti ma aderixxiex ruhu mal-ligi, u dan meta ma jirrizultax minn imkien li tali pubblikazzjoni tal-applikazzjoni ta' zvikupp mertu tal-oggezzjoni tar-rikorrenti, impediet lir-rikorrenti li jagixxi skont id-disposizzjoni tal-istess.

Illi fid-dawl tal-premess din il-Qorti thoss li ghandha tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati u tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fis-sens li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji lilhom disponibbli. B'hekk l-azzjoni attrici qed tigi michuda fuq din il-bazi.

Illi jinghad biss ghall-grazzja tal-argument biss li anke jekk l-ilment jigi ezaminat fid-dawl tad-disposizzjoni tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** din il-Qorti ghandha fl-ewwel lok ir-riservi taghha dwar kemm tali oggezzjoni tar-rikorrenti ghall-izvilupp tista' tigi kkunsidrata bhala determinazzjoni ta' dritt civili, tant li din il-Qorti thoss li tali oggezzjoni ma taqax taht id-deskrizzjoni ta' dritt civili ndikat fl-istess artikolu; izda anke kieku hekk, jidher li l-istess **Kap 356** jipprovdi ghall-access ghat-tribunal imparzjali u indipendenti skont ir-rekwisiti ta' smigh xieraq u dan anke fil-kuntest ta' dak li nghad fid-decizjoni **"Kostovski vs The Netherlands"** (20 ta' Novembru 1989. Series A- 166 12 EHRR434) li :-

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".'*

Illi milli *fattispecie* tal-kaz u mill-ligi kif formulata jidher li l-istess rikorrenti kellhom kull access ghal quddiem l-organi kollha tal-Awtorita, inkluz il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u fl-ahharnett lejn il-Qorti; kull ma riedu jaghmlu huwa biss li josservaw il-procedura stabbilita fil-ligi, li hija wahda semplici, disponibbli u certament accessibbli, haga li r-rikorrenti ghar-ragunijiet li qatt ma spejgaw ma ghamlux minhabba nuqqas taghhom, u ghal dan in-nuqqas qed jippretendu li jagixxu b'dan ir-rikors kostituzzjonali, haga li ma tistax u ma ghandiex issir.

Illi certament li f'dan il-kaz ma hemmx xi impediment insormontabbli bhal dak kif deskritt fil-kaz **Perez de Rada Cavinalles v. Spain** (ECHR 28 Ottubru 1998) fejn il-Qorti Ewropeja qalet illi:-

*"Further, it is apparent from the Court's case-law that the "right to a court", of which the right of access is one aspect, is not absolute; it is subject to limitations permitted by implication, in particular where the conditions of admissibility of an appeal are concerned, since by its very nature it calls for regulation by the State, which enjoys a certain margin of appreciation in this regard. However, these limitations must not restrict or reduce a person's access in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired; lastly, such limitations will not be compatible with Article 6 § 1 if they do not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (see, among other authorities, the Brualla Gómez de la Torre and the Edificaciones March Gallego S.A. judgments cited above, p. 2955, § 33, and p. 290, § 34, respectively)".*

*"45. The rules on time-limits for appeals are undoubtedly designed to ensure the proper administration of justice and compliance with, in particular, the principle of legal certainty. Those concerned must expect those rules to be applied. However, the rules in question, or the application of them, should not prevent litigants from making use of an available remedy".*

Illi l-fatt li hemm procedura u terminu ta' kif u meta ghandhom isiru tali proceduri **("X vs Sweden"** – 1982) jew l-imposizzjoni ta' rekwiziti ohra ma jfissirx li b'daqshekk id-dritt ta' access lejn il-Qorti gie b'xi mod negat u certament li l-istess rikorrenti ghandhom skont il-ligi u skont il-**Kap 356** access quddiem l-organi kollha tal-Awtorita', nkluzi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) **("Anthony Pace vs Avukat Generali"** – Q.K. 19 ta' Marzu 2002); **"Belilos vs Switzerland"** (ECHR 1988). Illi ghalhekk dan l-ilment fil-mertu mhux sostenibbli.

Illi jekk il-kaz kellu jigi ezminat taht l-allegat ksur tal-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ta-Konvenzjoni Ewropea,** jinghad li dan jipprovdi li:-

*"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali".*

*"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza **"Agrimalt Ltd v Awtorita' tal-Ippjanar"** (P.A. 10 ta' Settembru 2001) fejn inghad illi, *"l-Istat ghandu dritt li jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta' privata fl-interess generali. Tali kontroll jista' jsir b'diversi modi, fosthom billi jkun hemm ligi jew ligijiet li jirregolaw l-izvilupp ta' l-art, dak li jista' u li ma jistax jinbena fuq l-art, x'regoli ghandhom jigu osservati fil-kostruzzjoni ta' bini u strutturi ohra, u affarijiet simili. Fil-fatt l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kap. 356) huwa ntiz proprju biex jirregola dawn l-affarijiet, dejjem fl-interess generali. Il-kontroll ta' l-uzu ta' proprjeta fl-interess generali hu espressament provvdut fit-"tielet" regola tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll aktar 'l fuq imsemmi".*

Illi dan l-artikolu jipprotegi sostanzjalment id-dritt ghall-proprjeta' u jikkontjeni tliet regoli distinti. L-ewwel regola li hija kontenuta fl-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu u hija ta' natura generali ssostni l-principju tat-tgawdija pacifika tal-proprjeta'. It-tieni regola, fit-tieni sentenza tal-istess paragrafu, titratta dwar id-deprivazzjoni minn certi proprjetajiet u tissoggettaha ghal certi kondizzjonijiet. It-tielet regola, kontenuta fit-tieni paragrafu tirrikonoxxi dritt ta' l-istat li jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta' skont l-interess generali billi jwettaq kwalsijasi ligijiet li jistghu jitqiesu ghal dan il-ghan. Madanakollu dawn ir-regoli m'humiex distinti fis-sens li m'huma bl-ebda mod marbutin ma' xulxin. It-tieni u t-tielet regola jitrattaw dwar kazi partikolari ta' interferenza mad-dritt tat-tgawdija pacifika tal-proprjeta'. Iridu ghalhekk jigu interpretati fid-dawl tal-principju kontenut fl-ewwel regola.

Illi l-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea rigward beni u possedimenti hija wahda wiesgha *ai fini* ta' l-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.** Il-Qorti gieli tirreferi ghat-test Franciz fejn it-terminu

‘possedimenti’ jigi tradott f’ *‘biens’*. Il-kelma hekk tradotta tista’ tigi interpretata b’mod aktar wiesgha.

Illi fil-kaz **“Gasus Dosier und Fordertecknik GmbH v. Netherlands”** (deciza 23 ta’ Frar 1995) il-Qorti qalet li:-

“*The Court recalls that the notion ‘possession (in French: biens) in Article 1 of Protocol 1 has an autonomous meaning which is certainly not limited to ownership of physical goods: certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as ‘property rights’ and thus as ‘possessions’, for the purpose of this provision”.*

Illi wkoll fil-kaz **“Djidrovski v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia”** (ECHR 24 ta’ Frar 2005) inghad li:-

*“The Court reiterates that the concept of “possessions” in Article 1 of Protocol No. 1 has an autonomous meaning and that Article 1 of Protocol No. 1 in substance guarantees the right of property (see Marckx v. Belgium, judgment of 13 June 1979, Series A no. 31, pp. 27-28, § 63). A “possession” within the meaning of the above provision may be either an “existing possession” or a claim, in respect of which the applicant can argue that he has at least a “legitimate expectation” of obtaining effective enjoyment of a property right (see the Pine Valley Developments v. Ireland judgment of 29 November 1991, Series A no. 222, p. 23, § 51). The “legitimate expectation” may also encompass the conditions attaching to the acquisition or enjoyment of property rights”.*

Illi ghalhekk il-beni li jistghu jigu posseduti m'humiex biss dawk l-affarijiet li jistghu jigu posseduti *ai termini* tal-ligi nazzjonali. Il-kuncett ta' beni jista' jigi estiz ghal dawk l-affarijiet kollha li ghandhom valur ekonomiku. Il-Qorti Ewropea ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li, per ezempju, ishma ta' socjeta' kummerjali, il-*'goodwill'* ta' intrapriza, licenzja kummercjali biex tbigh xorb alkoholiku, fost ohrajn, huma kollha beni *ai fini* ta' dan l-artikolu in kwistjoni. Il-Qorti tghid ukoll li *'legal claims'* jistghu jigu interpretati bhala beni *ai fini* ta' dan l-artikolu.

Illi mandankollu, din il-Qorti ma thossx li l-proceduri li r-rikorrenti qed jirreferi ghalihom f'din il-kawza jistghu jissejhu possedimenti ghall-finijiet ta' dan l-artikolu; jinghad ukoll li l-possidiment ta' dritt ipotetiku li Stat ma jaghtix xi permess fuq proprjeta' li mhix tar-rikorrenti hija wisq remota u ipotetika sabiex tigi kkunsidrata bhala bazi ta' dritt ta' proprjeta' taht dan l-artikolu. Fuq kollox jinghad li ma instabx u ma giex pruvat illi l-Istat kien qieghed jeccedi fil-*'margin of appreciation'* tieghu meta hareg dan l-permess; cioe' ma hemmx prova li l-bilanc bejn l-interess ta' l-individwu u dak tal-interess komuni ma kienx qed jew ser jigi rispettat. B'hekk dan l-ilment lanqas huwa fondat.

Illi dwar l-allegazzjoni li kien hemm ksur tal-**artikolu 14** huwa ben maghruf li dan l-artikolu ma ghandux ezistenza indipendenti b'dan li d-diskriminazzjoni trid dejjem tkun marbuta mad-drittijiet sanciti fil-konvenzjoni. Mhux essenzjali ghas-success ta' azzjoni bhal din li jkun hemm ksur effettiv tad-dritt sostantiv invokat flimkien mad-diskriminazzjoni. Huwa bizzejjed li l-fatti tal-kaz jaqghu fl-ambitu ta' xi wiehed jew aktar mill-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni. Il-Qorti Ewropeja qalet fil-kaz **Belgian Linguistic** illi kieku hemm bzonn ksur effetti dan jimmina l-effettivita' ta' l-istess **artikolu 14:-**

*“While it is true that this guarantee has no independent existence in the sense that under the terms of Article 14 (art. 14) it relates solely to "rights and freedoms set forth in the Convention", a measure which in itself is in conformity with the requirements of the Article enshrining the right or freedom in question may however infringe this Article when read in conjunction with Article 14 (art. 14) for the reason that it is of a discriminatory nature”.*

Illi l-Qorti tinnota illi meta il-Qorti ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tiffacca allegazzjoni ta’ ksur tad-dritt sostantiv sia wahdu u sia in konnessjoni ma’ l-**artikolu 14**, l-istess Qorti, in linea generali, l-ewwel tindirizza il-fatt jekk kienx hemm xi vjolazzjoni ta’ artikolu sostantiv tal-Konvenzjoni u jekk hemm vjolazzjoni din *di solito* ma tiehux konjizzjoni ta’ allegazzjoni ta’ ksur ta’ l-artikolu erbatax (14). Izda jekk id-diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-dritt hija fundamentali ghall-kaz in partikolari, is-sitwazzjoni hija differenti u ghalhekk il-Qorti tidhol fil-mertu ta’ l-allegata diskriminazzjoni. F’dan il-kaz ma jirrizultax li hemm ksur ta’ ebda dritt fundamentali sostantiv.

Illi min-naha l-ohra biex jezistu l-elementi ta’ diskriminazzjoni irid jigi ppruvat li hemm *“(a) preferential treatment of (b) equal case without there being (c) an objective and reasonable justification; or if (d) proportionality between the aim sought and the means employed is lacking”***(“Xuereb vs Kummisarju tal-Pulizija”** (Q.K. – 17 ta’ Frar 1999). Dan assolutament ma giex ippruvat mir-rikorrenti lanqas minimament u ghalhekk ma jistax per konsegwenza jkun hemm ksur tal-**artikolu 14** u ghalhekk anke dan l-ilment huwa infondat.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjonijiet tal-intimati u tal-Awtorita' kjamata fil-kawza in kwantu l-istess huma ibbazati fuq il-*proviso* ta' l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319**, **tichad it-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors taghhom datat 7 ta' Novembru 2002** *stante* li r-rikorrenti m'ezawrewx ir-rimedji ordinarji *ai termini* tal- *proviso* tal- **artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319.**

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------